MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2011

Citazzjoni Numru. 246/2011

**A B**
vs
**C D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ippremettiet :

1. Illi fl-14 ta' Ottubru 2010, minn relazzjoni li kellha mal-konvenut twieldet tifla – E F.
2. Illi r-relazzjoni ta' bejn il-partijiet intemmet.
3. Illi minn meta twieldet il-minuri dejjem baqghet fil-kustodja de facto ta' l-esponenti li dejjem hadet hsieb il-bzonnijiet ta' l-istess minuri.
4. Illi l-konvenut mhuwiex qed jikkontribwixxi ghall-ghixien tal-minuri.
5. Illi l-esponenti hija cittadina Russa li qieghdha hawn Malta sabiex ssegwi kors fl-Universita ta' Malta liema kors hija temmet b'success u wara li tiggradwa f'Novembru li

gej hija tixtieq tirritorna lejn ir-Russja u ghalhekk jehtieg illi tinghata l-awotirizazzjoni ssiefer minn Malta flimkien mal-minuri kif ukoll tistabilixxi r-residenza tal-minuri barra minn Malta.
6. Illi jehtieg illi jigu regolati l-kura u kustodja, access u manteniment ghall-minuri.
7. Illi l-esponenti kapaci tipprovdi ghall-bzonnijiet tal-minuri u tista' toffri hajja xierqa ghall-minuri barra minn Malta.
8. Illi tramite l-proceduri ta' medjazzjoni, l-partijiet kienu lahqu ftehim u pprezentaw abbozz ghall-approvazzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti, izda din l-istess Onorabbli Qorti ma awtorizzatx il-pubblikazzjoni ta' l-istess kuntratt.
9. Illi l-esponenti taf b'dawn il-fatti personalment.
Ghaldaqstant ghar-ragunijiet premessi qed titlob li din il-Qorti :

1. Tafda l-kura u kustodja tal-minuri E F f'idejn l-attrici.
2. Tistabilixxi accesss ghall-konvenut skond kif din l-Onorabbli Qorti jidhrilha li huwa xieraq fic-cirkostanzi.
3. Tordna lill-konvenut ihallas manteniment ghall-minuri E F skond kif iffissat mill-istess Onorabbli Qorti.
4. Tawtorizza lill-attrici ssiefer flimkien mal-minuri E F u tistabilixxi r-residenza tal-minuri barra minn Malta.
5. Taghti dawk il-provvedimenti kollha l-ohra li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha huma fl-ahjar interess tal-minuri.
Bl-ispejjez komprizi dawk tal-proceduri kollha inkorsi mill-attrici kontra l-konvenut ingunt minn issa in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda ta' l-attrici;

Il-Qorti rat in-nota konguntiva tal-partijiet tal-31 ta' Ottubru 2011 illi permezz taghha il-partijiet iddikjaraw illi huma ftehmu bejniethom kif ghandhom jirregolaw il-kura u il-kustodja tal-minuri binthom E F u ipprezentaw ftehim iffirmat minnhom sabiex l-istess ftehim jigi awtorizzat minn din il-Qorti;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Illi l-partijiet lahqu ftehim illi jirregola il-kura u l-kustodja ta' binthom minuri u ghaldaqstant, wara li l-Qorti ezaminat l-istess ftehim, il-Qorti qeghda taqta u tiddeciedi din il-kawza billi tilqa t-talbiet kollha tal-attrici u tafda il-kura u l-kustodja tal-minuri E F f'idejn l-attrici, fir-rigward tat-tielet talba tordna lill-konvenut illi sa kemm l-attrici u bintu minuri ikomplu jirrisjedu Malta ihallas lill-attrici is-somma ta' mitejn ewro (€200) fix-xahar bhala manteniment ghal bintu minuri, liema somma ghandha tinkludi l-ispejjez ghas-sahha u edukazzjoni ta' l-istess minuri. Fir-rigward tat-tieni talba attrici il-Qorti tordna illi l-missier ghandu jkollu access liberu ghall-bintu minuri kif miftiehem bejn il-partijiet u dana sa kemm l-attrici tkompli tirrisjedi Malta. Il-konvenut ghandu jaghti lill-attrici pre-avviz ta' 24 siegha meta jkun bi hsiebu jezercita id-dritt tieghu ghall-access ghall-minuri u fin-nuqqas ta' ftehim il-partijiet ghandhom jaghmlu rikors lill-Qorti. Meta l-attrici tirrisjedi mal-minuri barra minn Malta il-missier ghandu jezercita access fejn tkun qeghda tirrisjedi il-minuri. Meta l-konvenut ikun qieghed jirrisjedi fil-pajjiz fejn tkun tirrisjedi l-minuri l-missier ghandu jkollu access liberu ghall-minuri bi ftehim mal-attrici, b'dana illi jaghti lill-attrici mill-anqas gimghatejn zmien pre-avviz qabel ma jasal fil-pajjiz tar-residenza tal-minuri. Fir-rigward tar-raba talba, il-Qorti tawtorizza lill-attrici sabiex issiefer flimkien mal-minuri E F u tistabbilixxi ir-residenza tal-minuri barra minn Malta. L-attrici hija awtorizzata sabiex tapplika wahedha ghall-passaport tal-minuri u izzommu hi, b'dana illi l-attrici ghandha tinforma lill-konvenut bl-indirizz tal-minuri u taghtih id-dettalji kollha mehtiega sabiex ikun jista izomm kuntatt mal-minuri. L-attrici wkoll qeghda tobbliga ruhha li izomm lill-konvenut infurmat bid-dettalji kollha dwar is-sahha u l-edukazzjoni tal-minuri. L-awtorita tal-genitur fuq il-minuri E F hija vestita esklussivament fl-attrici.

Illi meta l-attrici tirrisjedi ma bintha minuri barra minn Malta, hija tkun responsabbli unikament sabiex tmantni lill-imsemmija minuri. Il-konvenut qieghed jigi ordnat sabiex jipprezenta il-kontro-mandat sabiex jigi revokat il-Mandat ta' Inibizzjoni numru 54/2011 fi zmien gimgha millum.

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez ikunu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------